MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru 1188/2011

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Karen D'Amato

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 163388(M), akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

(a) Bejn Lulju 2010 u il-5 ta' Ottubru 2011, mill gewwa Scotts Supermarket li jinsab Triq il-Mina ta' Hompesch, Zabbar, ikkommetit serq ta' diversi prodotti u affarijiet li l-valur taghhom ma jeccedix il- 2,329.40 euro (LM 1000)

izda jeccedi il- 232.94 euro (LM 100) ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta'spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 553 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqghet tinsisti anka wara li l-Qorti tahta zmien tirrikonsidra;

Fuq din l-ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizzjonata qedghha ssib l-imputata hatja tal-akkuza tas-serq dedotta kontra taghha.

Rat l-Artikolu 261 (b) (d), 264, 268 (a), 278 (1) (2) tal-Kap 9. Tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta'sentejn mill-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputata r-responsabiltajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------